15 ta' Mejju, 1951.

**Imħallfin:**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Tabib Calcedonio Zammit, M.D.** *versus* **Frank Agius, O.B.E. et ne.**

**Elezzjonijiet — Assemblea Leġislativa — "Re-count" — Art. 34 u 66 tal-Kap. 163.**

*Talba biex isir għadd mill-ġdid tal-voti mogħtija fl-okkażjoni ta' elezzjoni tal-membri ta' l-Assemblea Leġislativa għandha ssir, mhux quddiem il-Qorti ta' l-Appell, imma quddiem it-tribunal ta' l-ewwel istanza u fil-mod ordinarju.*

*Għax il-Qorti ta' l-Appell tista' tordna l-ftuħ tal-pakketti ta' dawk il-voti meta quddiemha ġa tinsab pendenti kwistjoni dwar il-jedd ta' persuna li tkun jew tibqa' membru elettiv, u mhux meta d-domanda hija sempliċement biex isir għadd u verifika mill-ġdid ta' dawk il-voti.*

*Il-Qorti*, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentat quddiem din il-Qorti, fejn l-attur, peress illi huwa kien kandidat għar-Raba' Distrett mal-Malta Labour Party fl-elezzjoni għall-Assemblea Leġislativa għas-sena 1951; u peress li ġie annunzjat, taħt id-direttivi tal-konvenuti, li ġiet eletta għar-Raba' Distrett l-Onor. Mabel Strickland, b'29 vot aktar mill-attur; u peress li ġie dikjarat ukoll, fuq direttivi tal-konvenuti, li l-kandidat Dottor Antonio Pullicino f'wieħed mill-"counts" kellu biss tliet voti taħt il-kwota; peress illi fil-każ kuntrarju, ta' kwota sħiħa, it-"transfers" susseg wenti kienu possibilment ikunu differenti minn kif ġie annunzjat, u b'riżultat finali divers; peress illi wara "re-count" parzjali rriżulta li fil-ħdax-il "count" kien hemm bi żball vot li kien imissu ngieb f'"count" preċedenti, u t-transfers kollha ta' dak id-distrett huma żbaljati a preġudizzju ta' l-attur; talab li jiġi ordnat ir-"re-count" intier tal-voti kollha tar-Raba' Distrett Elettorali għall-aċċertament tar-riżultat, bil-modifiki meħtieġa skond il-każ;

. . . . . . . . .

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi (art. 34 Kap. 163 tal-Liġijiet ta' Malta), "il-Qorti ta' l-Appell li quddiemha tinsab kwistjoni dwar

il-jedd ta' persuna biex tkun jew tibqa' membru elettiv, u kull Qorti li quddiemha jinbdew proċeduri skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jistgħu jordnaw il-ftuħ tal-pakketti msemmijin fl-artikolu 31". Skond l-art. 66 ta' l-istess liġi, il-kwistjonijiet kollha dwar il-jedd ta' persuna li tkun jew tibqa' membru għandhom jinġiebu quddiem il-Qorti ta' l-Appell u jiġu deċiżi minn dina l-Qorti;

Għalhekk l-art. 34 fuq imsemmi jikkontempla żewġ ġurisdizzjonijiet, waħda ta' dina l-Qorti u l-oħra tat-tribunali l-oħra; u fil-każ ta' dina l-Qorti l-ġurisdizzjoni hija straordinarja u limitata għall-każ ta' talba magħmula in konnessjoni ma' talba oħra rigwardanti d-dritt ta' persuna biex tkun jew tibqa' membru elettiv. U konsegwentement is-sempliċi talba biex jerġgħu jingħaddu u jkunu verifikati l-voti ma għandhiex tinġieb quddiem dina l-Qorti bħala Qorti ta' l-Ewwel Istanza, imma għandha tinġieb bil-mod ordinarju quddiem l-Qorti tal-Prima Istanza. Fil-każ in eżami, l-attur, apparti l-iskop li għalih fl-aħħar mill-aħħar qiegħed jimmira, mhux qiegħed jitlob illief li ssir il-verifika u l-għadd ġdid tal-voti. Għalhekk it-talba ma setgħetx issir quddiem dina l-Qorti bħala *Qorti ta' l-Ewwel Istanza*;

Għalhekk tiddikjara ruħha inkompetenti, u konsegwentement tillibera l-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju; minbarra taxxa ta' l-ispejjeż, bid-dritt tar-reġistru kontra l-attur.

---